# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

# SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

**28/19**

**It-Tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-29 ta' Lulju, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Ezekuttiv |
| **Skużati:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Aġenda:

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata:
   a) Rendikont Finanzjarju minn April 2014 sa Ġunju 2014
   b) Fire Station
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Is-segretarju nforma lill-Kunsilliera li kien irċieva komunikat li kemm il-Kunsillier is-Sur Anastasi u kif ukoll l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Degabiriele sabiex jiġu skużati għall-laqgħa.

Tqassmet ukoll lill-membri korrispondenza li s-Segretarju rċieva mingħand is-Sur Horace Anastasi.

## 2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 27/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 27/19**

2.2.1 Minuta 8 - titneħħa l-kelma "ipppreżentati" u ssir "ippreżentati".

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa 27 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 Minuta 7(a) - Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri jekk inqrax il-kuntratt peritali u hemmx bżonn isiru tibdiliet neċessarji. Is-Sindku qal li:

a) l-kuntratt ikun għal tlett snin imġedded kull sena,
b) issir distinzjoni bejn "draft drawings" u "final drawings",
c) tiżdied il-frażi "all other disbursements".

Il-Membri qablu unanimament

Fis-6.55 pm wasal l-Accountant is-Sur Christian Farruġia

3.2 Minuta 9.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita' f'Misraħ Santa Venera saret fil-11 ta' Lulju, 2014 u kienet ta' suċċess.

F'dan l-istadju (fis-7pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 (a) tal-Aġenda – Ordnijiet tal- ġurnata li kien jitratta r-Rendikont Finanzjarju minn April 2014 sa Ġunju 2014.

Il-Membri qablu unanimament

**4. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a) Rendikont finanzjarju April 2014 - Ġunju 2014**

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn April 2014 u Ġunju 2014.

Ma kienx hemm oġġezzjonijiet jew astenzjonijiet u kien hemm qbil unanimu fuq dan ir-rapport.

F'dan l-istadju (fis-7.30pm) l-Accountant ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

**5. Korrispondenza**

5.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand Carini Stores sabiex wieħed mis-sqaqien li hemm fi Triq Carini jissemma' għas-Sur Carmelo Attard (1924 – 2004) li jibqa' magħruf għall-għajnuna filantropika tiegħu kemm f'Malta u barra minn Malta. Is-Sur Carmelo Attard huwa wkoll l-fundatur ta' Carini Stores li jinsabu ġewwa Santa Venera.

Il-Membri qablu unanimament.

5.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar it-talba li s-Sur Edwin Formosa għamel lill-Kunsill Lokali sabiex fid-9 ta' Awwissu, 2014 jagħmel festin lin-neputi tiegħu fil-ġnien Romeo Romano. Il-Kunsilliera Elizabeth Vella ssekondata mis-Sindku pproponiet li għal dan il-każ s-Sur Formosa għandu jgħati donazzjoni lill-Kunsill ta' mhux inqas minn €50.

Il-Membri qablu unanimament.

5.3 Is-Sindku nforma lill-membri fuq komunikazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Philip Chircop il-fundatur u president tal-NGO – **Nanniet Malta** sabiex isir "Working Lunch" fejn tingħata nformazzjoni ta' kif il-businessman jistgħu jibbenifikaw mill-fondi tal-UE. Is-Sur Chircop qed jitlob sabiex dan is-seminar isir b'kollaborazzjoni tal-Fond Wirt Vendriż u l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Ir-rwol tal-Kunsill f'din il-laqgħa huwa li jinforma l-businessmen li għandhom n-negozju tagħhom f'din il-lokalita'. Liema laqgħa hija prevista li ssir fid-9 ta' Settembru, 2014.

Il-Membri qablu unanimament.

**6. Skeda ta' pagamenti**: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament.

**7. Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 473 sa lment numru 508.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 473 | Xogħol irid isir minn Transport Malta |
| 474 | Contract Manager sabiex itina feedback tiegħu |
| 475 | Ħaddiema Assenjati |
| 476 | Koptasin |
| 477 | Ħaddiema Assenjati9 |
| 478 | 1. Koptasin; 2. Logo Grafix; 3 Micamed – (Apparti li għandna nfittxu lil min għamel il-ħsara). |
| 479 | Azzjoni ttieħdet |
| 480 | Ħaddiema Assenjati |
| 481 | Jintbagħat il-Green Warden |
| 482 | Azzjoni ttieħdet |
| 483 | Transport Malta |
| 484 | Ninfurmaw lill-kuntrattur tal-knis. |
| 485 | Applikazjoni ma' Transport Malta |
| 486 | Ma tistax issir minħabba l-policies ta' Transport Malta |
| 487 | Ħaddiema Assejnati |
| 488 | Ħaddiema Assejnati |
| 489 | Koptasin |

| | |
|---|---|
| 490 | Ħaddiema Assenjati |
| 491 | L-istess bħal ilment 485 |
| 492 | Ħaddiema Assenjati |
| 493 | Transport Malta |
| 494 | Jintbagħat il-Green Warden |
| 495 | Dan ix-xogħol isir aktar tard minħabba xogħol ta' tisbieħ li jrid isir |
| 496 | Logo grafix |
| 497 | Ħaddiema Assenjati |
| 498 | L-istess bhal ilment 478 |
| 499 | Ninfurmaw lil TM |
| 500 | Azzjoni ttieħdet |
| 501 | Central Asphalt |
| 502 | Jintbagħat il-Green Warden |
| 503 | Ħaddiema Assejnati |
| 504 | Tintbagħat ittra lir-residenti |
| 505 | Ħaddiema Assejnati |
| 506 | Koptasin |
| 507 | Nitolbu għar-ritratti u l-permess |
| 508 | L-ilment ġie nnutat |
| 508 a | Ħaddiema Assenjati. |

Il-Kunsillier is-Sur Silvio Vella rrimrka li hu mhux sodisfatt bix-xogħol li qiegħed jagħmel il-ġardinar is-Sur Charles Mifsud. Dan minħabba l-fatt li hu mar idur mal-Contract Manager tas-Synthesis Management Services Ltd, is-Sur Charles Żammit, fuq xogħolijiet li kellhom isiru iżda sal-ġurnata tal-laqgħa dawn baqgħu ma sarux mill-ġardinar kif mitlub.

Għaldaqstant is-Sur Vella talab lis-Sindku u lill-membri kollha sabiex ninfurmaw bil-miktub lill-Contract Manager li l-Kunsill mhux sodisfatt bix-xogħol li qed isir mill-ġardinar.

Il-Membri qablu unanimament.

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**b) Fire station**

Is-Sindku nforma lill-membri li huwa kontra li jsir l-iżvilupp tal-fire station fis-sit propost jigifieri wara n-niċċa fi Triq il-Kanun dan għaliex fi Triq il-Kanun diga' tilqa' fiha skejjel u ażjendi kummerċjali u banek kbar. Is-Sindku kompla billi qal li għamel ħafna tentattivi sabiex jiltaqa' mall-Ministru konċernat u mas-Sur John Rizzo iżda s'issa l-ebda laqgħa għada ma ġiet iffissata. Is-Sindku enfasizza li dik l' parti għandha tintuża bħala recreational area li sservi ta' pulmun għar-residenti tal-akwata.

Il-Membri qablu unanimament.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġew ippreżentati l-minuti tal-ħames laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi liema laqgħa saret fil-15 t'April 2014.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar dawk il-bilanci ta' ċitazzjonijiet antiki dovuti lill-Kunsill li jmorru lura 12 –il sena. Fuq dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerrixxa sabiex jitqabbad avukat u jibgħat ittri formali lil dawk li għandom citazzjonijiet pendenti. Dawn l-ittri għandħom jitbagħtu għas-spejjeż tal-avukat izda mill-ammont tad-dhul fuq dawn ic-citazzjonijiet l-avukat ikollu xi forma ta' kummissjoni meta eventwalment jithallsu. Is-Sindku żied jgħid li fil-laqgħa li jmiss ser jinforma lill-membri x'għamel ir-regjun fuq dan ir-rigward ħalli mill-mitluf nippruvaw nirbħu xi ħaġa.

9.2 Is-Sindku informa lill-membri li rċieva d-devoluzzjoni tal-ħofra biswit il-Kunsill iżda hemm żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel kundizzjoni hi li l-Kunsill jirrilaxxa l-bini eżistenti li qed jużа la darba jkollu ċ-Ċentru Civiku. It-tieni kundizzjoni hi li l-Kunsill jipprovdi l-pjanti tal permessi li fl-2009, is-Sindku ta' dak iż-żmien is-Sinjura Elizabeth Vella kienet applikat sabiex il-Kunsill ikun aċċessibbli għan-nies b'diżabilita'. In-numru tal-applikazzjoni huwa PA 01809/09.Is-Sindku qal li l-aħjar huwa li ninfurmawhom li dan m'għandux x'jaqsam xejn mal-applikazzjoni.

Il-Membri qablu unanimament

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li ta' Bandallu s-sottometta permess sabiex l-istore li hemm qabel ma taqbad Trejqet il-Ferrovija minn industrial store isir "class 4B shop". Is-Sindku talab jekk il-Kunsilliera jsibux oġġezzjoni dwar dan.

Il-Membri qablu unanimament

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġiet iffissata għal nhar il-Erbgħa 27 t'Awwissu, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum: